MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Numru. 709/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Meriam Abdussalam Mouadda**

Kumpilazzjoni Numru: 709/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Meriam Abdussalam Mouadda, ta' 36 sena, bint Abdussalam u Fatima, imwieled Darbeida Marokk, fl-1974 u detentrici ta' passaport Marokkin K741836.

Akkuzata talli fis-7 ta' Gunju, 2010 f' dawn il-gzejjer meta kellha fil-pussess taghha Passaport, mahrug minn

awtorita' kompetenti, cioe' passaport Libjan, mahrug f' isem Nisren Ashin bin-numru Y528094, ittrasferixxit dan id-dokument lil persuna ohra jew irciviet dokument li gie trasferit lilha minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet uzu jew ittantat taghmel uzu minn Passaport mahrug lil persuna ohra, cioe' dak diga imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi tat prospett falz, dikjarazzjoni falza hew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 13 ta' Lulju 2010 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija u l-ammissjoni taghha f'l-akttar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------